# Qatt mortu tarawh?

**Qatt mortu tarawh? Mhux Mużew kbir iżda hemm ħafna ħwejjeġ sbieħ u artistiċi x'tara ġo fih. Qed ngħid għal Mużew tal-Knisja Konkatedrali ta' San Gwann.**

**Fih intrata u erba' swali żgħar biss, li jiġbru fihom it-tapezzerija, l-ilbies sagru, xi fided, ftit pitturi, antifonarji, u l-aħħar, iżda mhux l anqas, il-kwadru ta' San Glormu tal-Caravaggio.**

## *Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

Barra minn dan il-kapolavur, il-ħwejjeġ li semmejna kienu jinżammu msakkrin fis-sagristiji u ma kienux jitgawdew ħlief f'xi żmenijiet ta' festa. Kien bit-tħabrik ta' Monsinjur Coleiro nkorraġġit mill-Kapitlu tal-Katidral u mgħejjun mill-Gvern, li nbena u nfetaħ fl-1965 dak il-lokal, li qabel kien hemm fih l-Iskola Sekondarja tal-Bniet, u twaqqa fil-gwerra. Fi żmien l-Ordni kien hemm l-appartament tal-Grann Pirjol.

Fl-intrata, fost il-ħwejjeġ l-oħra, wieħed jara ventartal u kanopew tal-Grammastru Alof de Wignacourt u ventartal ieħor ċkejken bl-"Agnus Dei" irrakkmat fih. Hemm ukoll tliet bankijiet bl-armi ta' 3 Lingwi differenti tal-Ordni, u żewġ sniedaq għax-xema, li kienu jintużaw fi żmien l-Ordni.

Taħt it-taraġ hemm esposti tliet volumi, mogħtija mill-I m ħ a l l e f A.J. Montanaro Gauci, li juru l-oqbra tal-Kavallieri midfunin fil-Knisja.

### IL-FIDED LI ĦALLILNA

F'sala żgħira qabel taqbad it-taraġ ta' fuq, hemm miġburin xi oġġetti tal-fidda mill-ftit li ħallilna il-General Napuljun Bonaparte fil-ftit jiem li dam hawn Malta.

Ta' min isemmi l-kartiglorja tal-fidda immartellata, irregalati lill-Oratorju jew lill-Kappelli tal-Lingwi, il-kalċi tal-fidda mogħti mill-Grammastru De Rohan, il-kalċi l-ieħor tal-fidda li fih rilevati episodji mill-ħajja tal-Madonna u t-tielet kalċi tal-fidda ndurat, li juri episodji mill-Passjoni ta' Kristu u t-tnax l-Appostli. Hemm muri ukoll pissidi qadim tas-seklu sittax bis-salib ta' Malta fuqu u xi baċili, sottokoppi u buqari ta' daqsijiet u suriet differenti.

Sabieħ ferm ir-relikwarju tal-filogranu li l-Inkwiżitur Mons. Antonio Ruffo (1720-28) ta lill-Grammastru Vilhena, u dan offrih lill-knisja, il-missal tal-fidda, iż-żewġ sferi — waħda tal-kristall u l-oħra miksija bil-qroll — li jintużaw f'xi festa kbira. Igħaxxqek it-tabernaklu tal-fidda li jintrama fuq l-artal tas-Sepolkru fil-Gimgħa l-Kbira.

Bħala pitturi wieħed jilmaħ (1) il-Magħmudija ta' Kristu impittra fuq irramm aħmar minn Hans Rotterhammer fis-seklu sittax; (2) l-"ikon" jew xbiha bizantina tal-Madonna bil-Bambin li qabel kienet isservi bħala bieba fit-tabernaklu tal-artal fil-Kappella tal-Italja (3) il-kwadru żgħir ta' Giovanni Francesco Romanelli tas-seklu sbatax, li fih jidher San Gwann Battista qiegħed jindika 'l Kristu lill-Appostli Pietru u Andrea, u (4) l-"ikon" proċessjonali bix-xbiha ta' Kristu — "Christus passus" — impittra fis-seklu erbgħatax min-naħa, u x-xbiha tal-Madonna Addolorata, impittra mill-Favray fis-seklu tmintax min-naħa l-oħra, immuntati fuq pedistall tal-fidda tqil tas-seklu sbatax.

(Ikompli fil-paġna 4)

# Qatt mortu tarawh?

(Jaqbad mill-paġna 3)

## IL-"GIOIA" TA' PERELLOS

Meta titla' t-taraġ issib is-Sala tal-Arazzi. Fuq dawn l-arazzi ġa tkellimna darb' oħra. Għalhekk, illum, ma ngħidux ħaġa oħra ħlief li huma 29 biċċa ta' daqs divers. Huma veru "bijou" jew "ġioia", li ħarġet mit-"tapisserija" ta' Jodocus de Vos, it-tapizzar tar-Re Franċiż Lwiġi XIV.

F'din is-sala hemm sitt arazzi kbar u kwadri bi xbihat allegoriċi ikkuluriti, arazz imdaqqas bir-ritratt tal-Grammastru Perellos, id-donatur tagħhom, u ħames arazzi zgħar u tawwalin bix-xbiha tal-Appostli.

Minn dis-sala tgħaddi għal passaġġ f'gallarija għas-Sala ta' San Glormu. Fil-passaġġ hemm indendlin 7 riproduzzjonijiet li juru il-Knisja ta' San Gwann minn barra u minn ġewwa, kif kienet fis-seklu li għadda.

Fis-Sala ta' San Glormu wieħed jara arazzi oħra tawwalin bix-xbiha ta' Appostli fihom u sitt arazzi oħra kwadri kbar, ikkuluriti, b'episodji mill-ħajja ta' Kristu. Fin-nofs, matul is-sala hemm vetrini bi 28 ktieb korali ta' żmienijiet differenti, li jġibu l-armi tal-Granmastri li rregalawhom lill-Knisja Konventwali tagħhom, ibda minn dawk ta' L-Isle-Adam (1522-34) u spiċċa f'dawk ta' De Paule (1623-36). Dawn huma miktubin jew impittra fuq il-parċmina u fihom minjaturi l-aktar sbieħ, li jħabbtuha ma dawk ta' pajjiżi oħra: id-deheb tagħhom għadu frisk daqs li kieku tpittru l-bieraħ.

## IS-"SAN GLORMU"

Minn dik is-sala tidħol fil-kamra jew alkova li fiha, imdawla tajjeb, hemm il-pittura ta' San Glormu, xogħol tal - Caravaggio magħrufa mad-dinja kollha.

Toħroġ minn hemm terġa' tgħaddi mis-Sala tal-Arazzi, minn kuritur li jagħti għal fuq iċ-Cimiterju u tinżel għas-Sala tal-Abiti Sagri — sala kbira imqassma f'żewġ meddiet

Fil-medda ta' fuq, f'alkova, hemm Tron għall-espożizzjoni tas-Santissmu, jew Girandola, Jingħad li d-disinn tagħha sar minn Gian Lorenzo Bernini. Dan hu xogħol l-aktar sabieħ tal-fidda u tal-bronz indurat: il-fidda tiżen 152 libbra. Fiż-żmien dak it-tron kien jintrama fl-Oratorju u fih kienet titqiegħed ir-relikwija tad-driegħ ta' San Gwann.

Mal-medda wieħed jara, f'ħames vetrini ħdejn xulxin, għadd ta' abiti sagri, ħafna minnhom tal-lama tad-deheb jew tal-fidda, maħdumin fis-sekli ħmistax-tmintax, regalati mill-Grammastri u l-Kavallieri. Hemm ukoll f'vetrina mal-ħajt il-bandiera li kienet tintuża fil-Vjatku tal-Kavallieri u żewġ patalotti tal-kappi bl-istorja tal-Madonna ta' Liesse irrakkmata fihom, xogħol tas-seklu sbatax.

Min fuq tilmaħ żewġ arazzi mdaqqsin ikkuluriti — waħda bl-Evanġelisti u l-oħra bl-Annunzjazzjoni tal-Madonna — u erba arazzi oħra tawwalin bix-xbiha tal-Appostli.

## SBIEĦ GĦALKEMM QODMA

Fil-medda t'isfel, hemm wirja ta' uħud mill-ventartali, kappi, pjaneti, tuniċelli, velijiet u boroz tal-kalċi ta' lewnijiet differenti: ħafna minnhom irrakkmati b'mod tal-għaġeb. Biex ma jitgħarrqux. illum ma għadhomx użati.

Fl-aħħarnett, f'dik il-medda wieħed jammira il-ventartal irrakkmat hu ukoll bl-arma ta' Papa Alessandru VII, li, taħt l-isem ta' Fabio Chigi, kien Inkwiżitur f'Malta mill-1634 sal-1639, u ġie ordnat Isqof hawn Malta fil-Knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt.

Tajtkom fil-qasir dak li wieħed jista' jara fil-Mużew ta' San Gwann. Jekk xi ħadd li jħobb dawn l-affarijiet li semmejna għadu ma raħx u jista' jħallas, ifittex imur jarah, għax hu miftuħ kuljum barra nhar ta' Hadd. Dawk imbagħad, li ma jistgħux iħallsu, jistgħu jarawh fl-ewwel Hadd tax-xahar. Lil dawk ta' l-ewwel ngħidilhom iħallsu, għax il-Mużew irid ħafna flus għaż-żamma tiegħu. Lill-oħrajn ngħidilhom, araw li ma tmorrux ukoll f'daqqa nhar il-Hadd li ġej — għada — għax iġġennu lil dawk li jieħdu ħsiebu! U ara kif iduru għalija nhar it-Tnejn, malli jarawni f'San Gwann! Fis-sena hemm tnax-il l-ewwel Hadd: tqassmu!